MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' April, 2013

Numru. 1156/2008

**Illum 12 ta' April 2013**

**Pulizija**
**(Spettur Raymond Aquilina)**
**(Spettur Joseph Agius)**

**vs**

**Stephen Cilia**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Stephen Cilia ta' 25 sena, mwieled Pieta' nhar 31 t'Ottubru, 1983, iben Tony u Caroline nee' Costa, residenti gewwa "Bomblu Garage", Triq Santa Maria, Dingli u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 549183M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Il-Hadd 23 ta' Novembru 2008 filghaxija gewwa il-Mistra u Had-Dingli

1. Bi vjolenza, ikkommetta stupru fuq CM, minorenni ta’ hmistax-il sena, liema delitt sar b’qerq u meta l-istess minuri kienet fdata lilu, imqar ghal xi zmien, sabiex jiehu hsiebha, jindukraha jew izommha,

2. Fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi, bla ordni skond il-Ligi tal-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-imsemmija CM kontra l-volonta’ taghha, liema delitt sar bhala mezz sabiex hija tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

Nhar il-Hadd 23 ta’ Novembru 2008 u fix-xhur precedenti, f’diversi postijiet f’Malta, b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

3. B’eghmil zieni, ikkorrompa lil CM, minorenni ta’ hmistax-il sena, liema reat sar b’qerq u meta l-istess minuri kienet fdata lilu, imqar ghal xi zmien, sabiex jiehu hsiebha, jindukraha jew izommha;

4. Fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi, eccita, ghin jew iffacilita l-korruzzjoni ta’ l-istess imsemmija minorenni ta’ taht l-eta’ cioe CM;

5. Fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi, ippartecipa f’attivitajiet sesswali ma’ persuna taht l-eta’ cioe CM;

6. Fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi, ikkommetta attentat vjolent ghal pudur fuq l-istess imsemmija persuna cioe CM;

7. Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna lil CM biza li ser tintuza vjolenza kontriha, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba tieghu se tikkagunalha biza;

8. Fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi, gab ruhu b’tali mod li ta’ fastidju lil persuna CM u xi persuni ohra u b’mod

li jkun jaf jew kien imissu jkun jaf li dan kien ta’ fastidju ghal persuna msemmija u/jew persuni ohra;

9. Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi offenda il-pudur jew il-morali b’eghmil li sar f’lok pubbliku jew f’lok espost ghall-pubbliku;

Il-Qorti kienet mitluba li tohrog ordni ta’ protezzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 412(C) fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lill-persuni u r-residenza taghhom kif ukoll il-post li tali persuni jiffrekwentaw;

F’kaz ta’ htija l-Qorti kienet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuni involuti u l-familja taghhom ai termini ta’ l-artikolu 382A et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti kienet gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-21 ta’ Ottubru 2009 (inserita a fol. 443 tal-atti processwali) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-ligi :-

(1) Fl-Artikoli 198, 201 u 202 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(2) Fl-Artikoli 18, 86 u 87 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(3) Fl-Artikoli 18, u 203 u 202 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(4) Fl-Artikoli 18, 203A u 202 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(5) Fl-Artikoli 18, 204C u 202 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(6) Fl-Artikoli 18, 207 u 202 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(7) Fl-Artikoli 18, 251B u 251C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(8) Fl-Artikoli 18, 251A u 251C tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(9) Fl-Artikoli 18, 209 u 202 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(10) Fl-Artikoli 17, 18, 31, 382A, 383, 412C u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat waqt l-udjenza tas-16 ta' Frar 2010 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet finali prezentati mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw allegat kaz ta' stupru u korruzzjoni ta' minorenni fost akkuzi ohrajn. CM hija tfajla ta' hmistax-il sena, li ghamlet ftit xhur tohrog mal-imputat u dan kien anki jidhol id-dar taghha. Izda gara li ma baqghux johorgu flimkien u anki sar rapport informali mill-missier sabiex l-imputat ma jibqghax ihares lejn it-tifla tieghu. Skond il-kugina tal-allegata vittma din tal-ahhar kienet iggieldet mal-imputat u ma baqghux flimkien ghaliex kien gideb u qalilha li kellu tlieta u ghoxrin sena meta fil-fatt kellu erba' u ghoxrin sena. Fit-23 ta' Novembru 2008, CM kienet mixja gewwa r-Rabat sabiex tmur ghand il-kugina taghha meta rceviet telefonata minghand l-imputat li staqsieha fejn qeghda. Hija qaltlu fejn kienet u huwa mar bil-karozza tieghu fejn qaltlu li kienet. CM issostni li f'mument minnhom rat il-karozza tal-imputat wieqfa fil-kantuniera u ratu gej lejha u mbaghad huwa hatafha minn idejha u dahhalha fil-karozza u sakkar il-lock u saq lejn il-Mistra. Sakemm kienet fil-karrozza, nizlet is-seat sabiex ma jaraha hadd skond kif qalilha sabiex taghmel l-imputat. Meta CM staqsietu x'kien qieghed jigri l-imputat qalilha li hi ma kinitx sejra lejn id-dar. Meta waslu l-Mistra C tghid li qaltlu li jekk hatafha sabiex jaghmlu l-att sesswali hija ma riditx izda waqt li

kienet fil-karozza bdew jitbewsu u l-imputat nezzalha l-hwejjeg u ghamlu l-att sesswali. Sadanittant CM baghtet messaggi lil ommha u din tal-ahhar cemplitilha aktar minn darba fuq il-mobile phone taghha. Kienet l-istess CM li tat lil ommha n-numru ta' mobile (li kien dak tal-imputat) sabiex titkellem ma persuna. Meta omm C cemplet fuq dan in-numru, mat-tieni darba kellimha l-imputat u qalilha li ma kienx jaf x'qieghed jigri u li kien qieghed id-dar. F'xi hin omm C qaltilha li kienet ser tghid lil missierha u M u l-imputat telqu lejn id-dar taghha gewwa r-Rabat. CM qalet b'dak kollu x'gara lin-nanna taghha fejn saru jafu ommha u missierha u sar rapport lill-Pulizija. CM qalet li l-imputat waqt li kienu qieghdin jaghmlu l-att sesswali ma uza ebda forma ta' vjolenza izda sostniet li hija dejjem qaltlu sabiex jieqaf pero' hallietu jkompli ghaliex hasbet li ma kienx sejjer iwassalha lura d-dar.

Ikkunsidrat:
CM (a fol 40) xehdet f'dawn il-proceduri bil-procedura tal-videoconferencing fejn qalet li dakinnhar tal-incident kellha hmistax-il sena. Hija qalet li fit-23 ta' Novembru kienet sejra ghand il-kugina taghha Joselyn meta cempillha l-imputat u staqsiha fejn sejra u qaltlu li kienet sejra ghand il-kugina taghha. X'hin kwazi waslet hdejn id-dar tal-kugina rat il-karozza tieghu izda ma hasbitx li kien ser jieqaf. Huwa waqaf fil-kantuniera u ratu gej jigri ghal fuqha u hatafha minn idejha u dahhalha fil-karozza u nizzel il-lock. Hija qalet li staqsiethu x'kien ser jigri u huwa qalilha li wara jghidilha u li tista' tibghat messagg lil ommha li ma kinitx ser tmur id-dar. Hija qalet li bdiet tibza' u nizlet is-seat sabiex hadd ma jaraha u l-imputat beda' jsuq. Huwa ma qalilhiex fejn kienu sejrin sakemm wara waslu l-Mistra. Huma bdew jitkellmu u giha hsieb li tghidlu (a fol 42) li jekk kien hatafha sabiex jaghmlu xi haga hija ma riditx. Skond ix-xhud meta hija qaltlu dan il-kliem l-imputat dar fuqha u kellhu x'jaqsam maghha. Hija kompliet tghid li kien diga' kellha rapporti sesswali mieghu f'diversi okkazzjonijiet ohra qabel din l-okkazzjoni izda dan dejjem sar bil-kunsens taghha. Hija qalet li fil-fatt kellha x'taqsam mieghu xi hames darbiet sa Mejju u kompliet tghid li meta kellhom x'jaqsmu flimkien dejjem riedet hi u hadd ma sfurzaha. Hija kienet qalet lill-imputat li kellha

erbatax-il sena meta bdew johorgu flimkien. CM sostniet li wara li waqfu johorgu flimkien f’Mejju l-imputat xorta baqa’ jibghatilha l-messaggi (a fol 44) fejn kien jghidilha li ma jridx jitlifha u li sejjer jaqbez. Meta saru jafu l-genituri taghha, missierha mar jaghmel rapport halli ma jkollux aktar kuntatti maghha. Hija ma tiftakarx meta kien mar jaghmel ir-rapport missierha pero tahseb aktar tard minn Gunju. Wara xi zmien l-imputat rega’ beda jcempillha minghajr ma jidher in-numru tat-telefon pero meta kienet tirrispondi hadd ma kien ikellimha. Hija dejjem kienet tibghatlu messaggi li ma tridx tirranga mieghu (a fol 44). Hija qalet li fis-sajf kienet iltaqghet mieghu xi darbtejn pero’ l-aktar li kien hemm kuntatti kien bil-messaggi. Skond M hi u l-imputat regghu bdew jiltaqghu ftit qabel it-23 ta’ Novembru u cioe f’Ottubru. Hija qalet li kien jibghatilha messaggi li jrid jerga’ jirranga maghha u hija kienet tghidlu li ma jistghux jergghu jirrangaw (a fol 46). Hija qalet li meta kellu l-birthday fl-ahhar t’Ottubru harget mieghu izda ma kellhiex x’taqsam mieghu sesswalment (a fol 47) izda kien hemm bews daqs li kieku kienu namrati. Hija qalet ukoll li kienu jibghatu diversi messaggi lil xulxin u nhar ta’ Sibt kienet tinzel ir-Rabat u tiltaqa’ mieghu u dan kien ghal aktar minn erba’ darbiet. Hija qalet li minn gimgha qabel il-birthday tieghu sakemm ghamlu rapport l-ghassa qatt ma kellha x’taqsam mieghu sesswalment izda kien hemm bews (a fol 48) u heavy petting u l-imputat kien imissilha l-parti privata taghha. Ix-xhud qalet li gimghtejn qabel l-incident de quo kienet qalet lill-imputat li ma tridx tarah aktar ghaliex kien gara xi haga u kien wegghaha. F’dawk il-gimghatejn xorta baqa’ jibghat il-messaggi u hija baqghet tghidlu le li ma riditx tirranga mieghu u lanqas iltaqghet mieghu f’dak il-perijodu. Hija qalet li meta hatafha l-imputat u dahhalha fil-karozza kienet hi li nizlet is-seat ghax omma ma kienitx taf li qieghda tohrog mieghu halli ma jarawhiex (a fol 51). CM tghid li meta waslu l-Mistra hi u l-imputat bdew jitbewsu u huwa dar fuqha u nizzel il-qalziet taghha u ried li jghamlu l-att sesswali u hi qaltlu le (a fol 52). Hija kompliet tghid li baqghet tghidlu le izda wara cediet ghaliex bdiet tibza li mhux ser jehodha lura lejn id-dar. Hija kompliet tghidlu li jekk kien se jkollhom x’jaqsmu flimkien sat-tmienja trid tkun id-dar. Hija kompliet tghid (a fol 52) li l-affarijiet bdew

bil-hlewwa u bil-bews u qalet li bdiet tirrezisti u bdiet tersaq lura izda wara cediet. Ix-xhud qalet li l-imputat ma uzax vjolenza izda skond hi (a fol 52) wiccu beda jidher li kien se jaghmel xi haga. Huwa lanqas uza xi irbit jew qaccat il-hwejjeg li kellha fuqha. Hija qalet li ma pruvatx tohrog mill-karozza ghaliex anki kieku harget ma kinitx taf fejn taqbad tmur dak il-hin. Hija kompliet tghid li ma pruvatx iccempel pero' l-mobile taghha kien fuq id-dashboard tal-karozza waqt li kienu l-Mistra. C qalet li meta kienet il-Mistra baghtet messagg lil kugina taghha izda ma qaltilhiex li kellha bzonn ghajnuna ghaliex skond hi l-imputat kien qed jara l-messaggi. Hija kompliet tghid li l-kugina taghha bdiet iccempillha izda ma wiegbitx ghaliex bdiet tibza x'ser taqbad tghid (a fol 55). Meta kienet il-Mistra baghtet messagg lil ommha fejn qaltilha li qeghda ghal kwiet u li ma  marritx ghand il-kugina taghha. Qaltilha wkoll sabiex iccempel numru li fil-fatt kien tal-imputat halli tkellmu. Fil-fatt ommha cemplet pero hu ma qabdux u regghet cemplet ommha biex tghidilha li hadd ma kellimha fuq dak in-numru. Ftit wara regghet cemplet ommha u qaltilha biex tghidilha x'inhu jigri ghaliex kienet ser tghid lil missierha. Hija spjegat lill-imputat x'kien qieghed jigri u huwa qalilha sabiex tibghat messagg lil ommha li kienu sejrin jergghu jirrangaw izda skond hi ghalkemm baghtet dan il-messagg ma xtaqietx li tirranga mieghu. CM tghid li l-att sesswali sar kollu u hu kien neza, nezza lilha u ma qattax parti minn hwejjigha u lanqas girfa ma kella fuqha. Hija qalet li meta kien qieghed fuqha bdiet tghidlu biex iqum minn fuqha u hu baqa' jghidilha 'u ejja'. Hija qalet li meta hatafha mir-Rabat kienu ghal habta tas-sitta neqsin kwart (5.45pm) u l-Mistra damu biss xi siegha ghaliex fit-tmienja (8.00pm) kienet id-dar. Hija qalet li meta waslet id-dar kelmet lin-nanna u qaltilha x'gara u kienet in-nanna taghha li qalet l-ommha u lil misserha x'gara u huma marru jaghmlu rapport l-ghassa tal-Pulizija (a fol 59). C qalet li meta kienu il-Mistra ma setghetx tohrog mill-karozza ghaliex il-bieba kienet imsakkra minhabba li l-lock kien iebes. Hija kompliet tghid li ma fethitx it-tieqa u harget ghaliex bdiet tibza li titlaq mill-karozza pero' l-imputat ma zammhiex milli tohrog. Hija qalet li kien hemm hin li harget mill-karozza x'hin cemplet ommha sabiex ma tidhirx li qeghda x'imkien fil-maghluq u qaltilha li kienet barra

x'imkien ghal kwiet. L-imputat baqa' fil-karozza waqt li kienet qed tkellem lil ommha barra. CM qalet ukoll li fil-gurnata tat-23 ta' Novembru hi u l-imputat kienu baghtu diversi messaggi lil xulxin u l-imputat kien talabha sabiex jiltaqghu izda hija qaltlu li ma riditx tiltaqa' mieghu dik il-gurnata. In kontro-ezami M qalet li sakemm kienu qeghdin johorgu flimkien, l-imputat qatt ma sawwatha. Hija qalet li meta kien jghidilha li sejjer jaqbez hija qalet li kienet twegga' pero l-imputat qatt ma qal li kien se joqtol lil xi hadd (a fol 65). Hija qalet li meta kellhom x'jaqsmu flimkien dejjem ghax riedet hi hlief dak-in-nhar tal-incident gewwa l-Mistra. Hija qalet li meta kellhom x'jaqsmu flimkien kien uza biss il-kliem u ma uzax vjolenza fuqha. Hija qalet li qatt ma kellha x'taqsam ma' guvintur ohrajn hlief mieghu.

F'dawn il-proceduri xehdu diversi esperti li kienu gew mahtura mill-Magistrat inkwerenti dak inhar li kien sehh l-allegat stupru fosthom Martin Bajada (a fol 123) fejn esebixxa relazzjoni wara li gie nkarigat sabiex johrog il-kontenut ta' zewg mobiles phones, registration details, call profile u localization tal-istess zewg mobiles liema relazzjoni hija mmarkata bhala Dok MB u tinsab inserita a fol 125. Xehed ukoll (a fol 351) Dr. John Thake li jahdem bhala consultant gyneacologist fl-Isptar Mater Dei fejn spjega li huwa gie nominat bhala espert sabiex jezamina lil CM fejn din kienet allegat li giet stuprata gewwa l-Mistra. Hija qalet li min stupraha kien dahhalha fil-karozza tieghu r-Rabat u hadha lejn il-Mistra. Fil-bidu bdew jitkellmu u jitbewsu u beda' jmissha fil-parti privata taghha u huma nehhew il-hwejjeg. Dr. Thake spjega li CM qaltlu li kienet ghamlet oral sex mal-imputat u huma mbaghad komplew sabiex ikollhom x'jaqsmu ma' xulxin. Hija qaltlu wkoll li ma kinitx vergni u li ma kien hemm ebda aggressjoni sabiex l-imputat ikollu x'jaqsam maghha. Hija kompliet tghidlu li ma ridietx ikollha x'taqsam mieghu la qabel u lanqas waqt l-att izda meta qaltlu biex jieqaf dan waqaf. Dr. Thake spjega li meta giet ezaminata M irrizulta li ma kien hemm ebda sinjal ta' trawma jew sinjali ta' forza jew grif. Ittiehdu diversi swabs mill-parti privata taghha u ittiehdu l-hwejjeg ta' taht ghal aktar ezamijiet forensici. Ittiehdu wkoll swabs ta' halqa minhabba li M  qalet li kien

sar oral sex. Ix-xhud spjega li minn ezamijiet li saru fl-ghonq tal-utru ma' rrizulta ebda sinjal ta' trawma u lanqas fil-vagina. Ir-rapport tal-ezamijiet li saru jinsab inserit a fol 356. Xehdet Dr. Marisa Cassar (a fol 359) li qalet li giet mahtura sabiex tara jekk kienx hemm indikazzjoni ta' likwidu seminali u biex taghmel ezami tad-DNA. Mill-iswabs u l-kontrol li ttiehdu minn gewwa l-vettura ir-rizultati kienu fin-negattiv u ma' hareg l-ebda profil genetiku. Irrizulta li kien hemm DNA profile maskili fuq il-qalziet ta' taht waqt li fil-high vaginal swabs il-koncentrazzjoni kienet negligibli. Il-profil genetiku maskili rilevat kien dak tal-imputat Stephen Cilia. Ir-relazzjoni ta' Dr. Cassar tinsab inserita a fol 361 u hija mmarkata bhala Dok. MC.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni l-imputat qieghed jigi akkuzat talli l-Hadd it-23 ta' Novembru 2008 fil-ghaxija gewwa l-Mistra u Had-Dingli bi vjolenza ikkommetta stupru fuq CM minorenni ta' hmistax-il sena, liema delitt sar b'qerq u meta l-istess minuri kienet fdata lilu, imqar ghal xi zmien, sabiex jiehu hsiebha, jindukraha jew izommha.

L-artikolu 198 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

*Kull min, bil-vjolenza, jikkommetti stupru fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor,...*

Illi z-zewg elementi ta' dan ir-reat huma:
a) Il-vjolenza; u
b) Il-kongungiment karnali

a) L-element tal-Vjolenza

Ghandu jinghad li dan l-element mhux sempliciment cirkostanza aggravanti izda huwa element necessarju ghar-reat minnu nnifsu. Il-vjolenza f'dan il-kaz la zzid u l-anqas tnaqqas il-piena li tista' tigi inflitta Il-ligi taghna tikkonsidra zewg aspetti ta' vjolenza u cioe vjolenza reali u meta vjolenza tigi meqjusa bil-ligi skond kif jinghad taht l-artikolu 202 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-vjolenza tista'

tkun kemm morali kif ukoll fizika minhabba l-fatt li l-artikolu 198 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ma jghidx x’forma trid tkun din il-vjolenza. Ghalhekk sabiex jissussisti r-reat ta’ stupru vjolenti irid ikun hemm dik il-vjolenza li giet uzata jew adoperata mill-aggressur li twassal ghal kongungiment karnali. Il-vjolenza trid tkun tezisti b’tali li twassal ghal dan ir-reat u jekk din il-vjolenza ma kellha ebda effett fuq il-kongungiment karnali allura l-istupru vjolenti jigi eskluz. Illi f’kelma ohra jekk l-istess persuna tkun ghamlet l-att sesswali minghajr l-effett tal-vjolenza allura dan ir-reat ghandu jigi eskluz. Illi ghandu jinghad ukoll li anki jekk tkun intuzat vjolenza u din ma jkollha ebda effett fuq il-volontarjeta’ tal-persuna li jkollha x’taqsam mal-allegat aggressur, allura anki f’dawn ic-cirkostanzi dan ir-reat jigi eskluz.

Illi fil-kaz odjern wiehed irid jifli bir-reqqa x’qalet CM rigward il-fatti li graw gewwa l-Mistra. Hija qalet a fol 42 li giha hsieb u qaltlu “jekk gejt tahtafni u hekk illum biex naghmlu, jiena ma rridx”. U hija kompliet tghid a fol 52 li regghet qaltlu li ma tridx u kompliet tghid “u mbaghad bdejna nduru, hu dar fuqi, nitbewsu u hekk u mbaghad hu nizzel il-qalziet tieghi u hekk u ried li naghmlu u jiena bqajt nghidlu le”. Hija kompliet tghid li cediet ghaliex bdiet tibza’ li ma kienx sejjer jehodha d-dar u kompliet tghid a fol 52 “li jekk ha jkollna x’naqsmu flimkien fit-tmienja (8.00) jrid iwassalni d-dar”. Aktar ‘il quddiem qalet li l-imputat beda’ bil-hlewwa u bil-bews u li hija bdiet tirrezisti u tersaq lura izda kellha ccedi ghaliex bdiet tibza. Hija kompliet tghid li bdiet tibza li ma kienx ser jehodha d-dar u li jaghmillha xi haga. U kompliet tghid “...hekk bdejt narah wiccu”. Hija kkonfermat li l-imputat ma sawwathiex u lanqas rabatha gewwa l-karozza sabiex kellhom x’jaqsmu flimkien. Ghandu jinghad li lanqas ma’ qalet li qattalha l-hwejjeg jew li kellha xi grif fuq gisimha. Hija kompliet tghid li bdiet timbuttah bil-mod u qalet il-hin kollu qaltlu li riedet tieqaf. Illi minn din il-parti tax-xhieda taghha jidher b’mod car li hemm certu inkonsistenza f’dak li qed tghid M. F’mument minnhom fil-fatt hija qalet li bdiet tghid lill-imputat li ma trid taghmel xejn mieghu fejn anki qalet li huwa xorta dan dar fuqha u ghamlu s-sess bejniethom. F’mument minnhom iehor izda hija spjegat li qalet lill-imputat li jekk iridu

jaghmlu l-att sesswali bejniethom basta li sat-tmienja tkun id-dar. Skond ix-xhieda moghtija minn M hija sa minn hmistax qabel l-allegat incident kienet qalet lill-imputat li ma tridx tirranga mieghu u kienu tlewmu. L-analizi tal-messaggi li l-imputat ircieva minghand l-allegata vittma izda taghti stampa totalment different minn dak li xehdet hi. Jekk wiehed ihares lejn il-messagg numru 388 u 389 a fol 174 wiehed jara b'mod car li altru milli ma rieditx tiltaqa' mieghu anzi b'mod esplicitu qaltlu x'riedet taghmel mieghu. Il-messaggi li hi qalet li ma riditx tarah aktar ma deheru imkien mill-analizi tal-mobile phones. Hemm dubju ghalhekk kemm verament M ma riditx tiltaqa' mal-imputat u kemm ma riditx ikollha rapporti sesswali mieghu. Ghandu jinghad ukoll li mix-xhieda li ta l-espert Dr. John Thake li gie mahtur biex jezamina lill-istess allegata vittma, jirrizulta li din qaltlu li waqt li kienet fil-karozza ghamlet sess orali mal-imputat. Dan huwa dettal li l-istess CM ma qalet xejn fuqu meta xehdet f'dawn il-proceduri. Deher ukoll li mill-ezami tal-parti genitali tal-istess CM ma kienx hemm sinjali la ta' grif jew xi forma ohra ta' trawma li b'xi mod seta jindika li kien hemm vjolenza fuq il-persuna taghha specjalment meta qalet li hi bdiet timbuttah. Tenut kont ta' dawn ic-cirkosanzi kollha din il-Qorti ssibha difficli temmen li kien hemm stupru specjalment meta wiehed iqis li din ma kinitx l-ewwel darba li M dahlet f'din il-karozza u ghamlet atti sesswali mieghu. Il-Qorti inoltre ssibha difficli li temmen il-verzjoni ta' CM specjalment meta qalet li l-imputat sakkar il-bieba tal-karozza u ma setghetx tohrog minn gewwa fiha jew li b'xi mod taghmel kuntatt ma' tal-familja taghha meta l-mobile phone taghha kien il-hin kollhu accessibli ghaliha sa minn meta huma telqu minn gewwa r-Rabat sakemm waslu lejn il-Mistra u hija addirittura tkellmet ma ommha aktar minn darba u baghtet il-messaggi kemm lil ommha kif ukoll lil kugina taghha. Addiritura hija qalet li f'mument minnhom harget mill-karozza sabiex iccempel l-omma u kelmitha u kienet wahedha dak il-hin. Jirrizulta ghalhekk li li kieku l-allegata vittma verament riedet titlaq minn fuq il-post u tieqaf tghamel certu affarijiet setghat taghmel dan. Wiehed ma jistghax ma' jinnutax li CM qalet li l-imputat u hi bdew jitbewsu u hu neza' u nehha hwejjigha minghajr ma' kien hemm xi forma ta' vjolenza jew forza jew theddid. Illi

inoltre mill-istess analizi tal-mobile tal-imputat Stephen Cilia jidher messagg li l-allegata vittma baghtitlu fit-23 ta’ Novembru 2008 fil-hdax neqsin hames minuti ta’ bil-lejl (22:55) li jinsab a fol 174. Illi persuna li ghaddiet skond hi min htif u stupru vjolenti mill-imputat ma tibghatx messagg lill-allegat agressur u stupratur fejn tghidlu “Cempilli ax irid inkelmek’. Ghandu jigi indikat ukoll li Dr. John Thake qal li ma ra ebda sinjal ta’ trawma u ma kien hemm l-ebda sinjal ta’ problema la fil-ghonq tal-uteru u lanqas fil-vagina u lanqas fil-parti taghha minn barra (a fol 352-353). Mill-ezami tad-DNA inoltre irrizulta li l-prezenza ta’ sperma kienet negligibbli waqt li kienet predominanti fuq il-qalziet ta’ taht ta’ CM. Din tal-ahhar qalet li hi bdiet tibza ghaliex hasbet li l-imputat ma kienx ser jwassalha d-dar u kompliet tghid li wiccu hekk deher. Illi hija izda qalet li huwa ma uza ebda forma ta’ vjolenza fuqha anzi l-affarijiet bdew bil-hlewwa. Dawn l-affarijiet ma jindikawx li kien hemm xi atti ta’ vjolenza la fizika u l-anqas morali li waslu sabiex ikun hemm il-kongungiment karnali.

b) Kongungiment Karnali

It-tieni element ta’ dan ir-reat ta’ stupru vjolenti huwa li jkun hemm kongungiment karnali u ma jkunx hemm il-bzonn li l-att sesswali jigu kunsmat jew li l-kongungiment ikun komplet. Illi rrizulta li fil-fatt fit-23 ta’ Novembru 2008 kien hemm kongungiment karnali bejn l-imputat u CM. Illi kif gie rilevat akar il-fuq izda dan l-element wahdu ma jikkostitwix ir-reat ta’ stupru. Kif inghad aktar ‘l fuq hareg bic-car li ma kien hemm ebda forma ta’ vjolenza li intuzat mill-imputat li wiehed jista’ jasal ghal konkluzjoni li kien hemm stupru vjolenti fuq il-persuna ta’ CM. Stante li CM kellha hmistax il-sena meta graw il-fatti de quo l-Artikolu 201(a) tal-Kodici Kriminali m’huwiex applikabbli. Illi inoltre ma ngabet l-ebda prova li CM issofri minn xi infermita’ mentali jew fizika jew li intuzaw xi mezzi qarrieqa sabiex b’hekk tigi prezunta f’kull kaz il-vjolenza.

Ghaldaqstant dina l-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni ma rnexxielhiex tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li kien hemm stupru vjolenti fuq il-minuri CM ai termini tal-Artikolu 198 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-imputat sejjer ghalhekk

jigi dikajrat mhux hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

2) Ir-reat ta' Arrest, Sekwestru jew Detenzjoni

Permezz tat-tieni imputazzjoni l-imputat gie addebitat bir-reat ta' arrest illegali, sekwestru jew detenzjoni. L-Artikoli 86 u 87 tal-Kodici Kriminali jirrigwardaw ir-reat ta' arrest, sekwestru jew detenzjoni illegali u c-cirkostanzi aggravanti tal-istess reat. Fil-kaz odjern il-Qorti ser thares lejn ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u tara jekk fil-fatt jikkonkorrux l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex jissussisti r-reat ta' arrest jew detenzjoni illegali bl-aggravju kontemplat fl-Artikolu 87(1)(g). CM qalet li fil-mument li kienet qeghda mixja fit-triq lejn id-dar tal-kugina taghha cempillha l-imputat u staqsiha fejn qeghda. Hija qaltlu fejn kienet u huwa mar hemm bil-vettura tieghu, waqaf fil-kantuniera u gie bil-girja ghal fuqha u hatafha minn idejha u dahhalha fil-karozza u sakkar il-karozza bil-lock u saq lejn il-Mistra fejn kellhom x'jaqsmu flimkien. Illi dawn il-fatti per se jistghu jindikaw li kien hemm htif izda jekk wiehed imbaghad jara x'tip ta' messaggi kienu ghaddejjin bejn l-imputat u l-allegata vittma wiehed jasal ghal konkluzjonijiet kemmxejn differenti. A fol 174 fir-relazzjoni ta' Dr. Martin Bajada hemm diversi messaggi li CM baghtet lill-imputat fejn f'wiehed minnhom u cioe dak numru 388 jintuza lingwagg esplicitu dwar x'kienet ser taghmel lill-imputat. Fil-messaggi numru 388 u 389 jidher li fil-fatt kien hemm kuntatti bejniethom anki ftit hin qabel gara dan l-allegat incident. Din il-konversazzjoni kompliet xi hin ukoll wara nofs-in-nhar fejn M hasset li ommha u missierha kienu ser jibqghu d-dar u dan kien ta' dwejjaq ghaliha (messagg numru 391) li ntbaghat fis-saghtejn u kwart ta' wara nofs-in-nhar. Wara li rat il-kontenut ta' dawn il-messaggi din il-Qorti ssibha difficli temmen il-verzjoni moghtija minn CM fejn din qalet li qatghet ghal kollox minn mal-imputat ftit zmien qabel l-incident u ssibha aktar difficli temmen li l-imputat dahhalha fil-karozza fi triq pubblika u ma ghajtietx ghal ghajnuna meta hatafha minn idejha. It-tip ta' messaggi li baghtet dakinhar jaghti x'jifhem li kien hemm differenza kbira bejn dak li qalet li gara CM u dak li effettivament gara dakinhar. M qalet li kienet nizlet is-seat halli ma jarawhiex in-nies ghaliex skond hi hekk qalilha

sabiex taghmel l-imputat. Persuna li tkun ghadha kemm giet mahtufa zgur li ma tnizzilx is-seat sabiex ma tidhirx, anzi tipprova tkun aktar vizibbli sabiex tattira l-attenzjoni ta' xi hadd barra mill-vettura. Il-Qorti jidrilha li dan l-inkontru tat-23 ta' Novembru 2008 kien wiehed fost il-hafna laqghat klandestini li CM kienet volontarjament ikollha mal-imputat. Fil-fatt jidher b'mod car li l-laqghat kienu jkunu pjanati halli ma jinduna hadd, hekk fil-fatt jindika il-messagg numru 371 a fol 173. Illi minn dawn il-fatti johrog ukoll li mhux l-ewwel darba li M dahlet fil-karozza tal-imputat u saru atti sesswali bejniethom (kif indikat fil-messagg numru 266 a fol 168). Tenut kont ukoll li din ir-relazzjoni ta' bejniethom ma kenitx wahda li hija accettata mill-familja taghha tant hu hekk li sar rapport kontrih xhur qabel dan l-allegat incident biex ma jkellimx lil CM u tenut kont tal-fatt li meta ommha cemplet sabiex tara fejn hi, wiehed facilment jifhem li l-allegata vittma waslet sabiex tghid din l-istorja minhabba l-biza li inqabdet li qed tiltaqa' mal-imputat meta suppost kien ilhom ma jaraw lil xulxin ghal diversi xhur. In vista ta' dan kollu din il-Qorti ma jidrilhiex li jezistu l-elementi rikjesti mill-ligi sabiex tinstab htija taht l-Artikoli 86 u 87(1)(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Korruzzjoni ta' Minorenni

Illi permezz tat-tielet imputazzjoni l-imputat jinsab addebitat bir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni kontemplat fl-Artikolu 203 tal-Kodici Kriminali. Mix-xhieda ta' CM kif ukoll mill-messaggi li hija stess baghtet lill-imputat jidher li kien hemm diversi atti sesswali bejniethom. Illi jrid jinghad li ghal certu zmien huma kien johorgu flimkien u l-imputat kien anki jidhol id-dar taghha. Huwa kien jaf li hija kienet minuri u dak li sar bejniethom sar bil-kunsens ta' xulxin. Hija dejjem qalet fix-xhieda taghha kif ukoll quddiem Dr. Thake li ma kienitx vergni u fil-fatt qalet li kellha relazzjoni sesswali mal-imputat biss u li ma kellha lil hadd qabel. Din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju dwar il-kredibilita' tax-xhud f'dan ir-rigward.

Ikkunsidrat

Illi din il-Qorti trid tghaddi sabiex tara jekk hemmx dawk l-elementi necessarji biex tinstab htija tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni. Il-Qorti tixtieq l-ewwel u qabel kollox taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) f'sentenza tat-8 ta' Jannar 1996 fil-kawza fl-ismijiet 'Pulizija vs Thomas Wiffen' dwar l-element materjali ta' dan ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni fejn il-Qorti qalet is-segwenti:-

*"For the completed offence, and apart from the formal element of the offence, there must be the lewd act ("atto di libidine") and the actual defilement. The lewd act may be committed either on the person or in the presence of the minor. All acts which either of their very nature or of the circumstances in which they are performed are directed to the indulgence of the sexual appetite either of the agent or of the victim and are capable of arousing the sexual interest of the victim, are lewd acts for the purposes of the offence in question. Francesco Carfora, writing in the Digesto Italiano in connection with Section 335 of the Zanardelli Code (which provision, as far as the elements of the offence are concerned, was identical to our Section 203) has this to say as regards the notion of "lewd acts":*
*"Atti di libidine). debbono ritenersi tutti quei contatti e quelle manovre, che possono eccitare i sensi, anche se non giungono allo sfogo complete della libidine). Senza poi entrare nelle varie questioni sorte nella pratica e nella giurisprudenza circa alla valutazione di singoli atti per vedere se debbasi o no attribuir loro il carattere di atti di libidine, specie in ordine al bacio, del quale lungamente si occupa il Carrara, noi rileveremo come norma generale che gli atti, a cui si riferisce la legge, debbono essere materiali e di una certa entita' e tali da aver rapporto prossimo e diretto colle funzioni sessuali" (Vol. VIII, parte 3, p.967).*
*Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propia concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le cirostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza" (Manzini, V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt*

*in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl -- in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts."*

Dwar ir-rekwizit tal-korruzzjoni per se l-istess Qorti tal-Appell fl-imsemmija sentenza qalet hekk:-

*"As to the requirement of actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known scientific instrument, but is something which has to be assessed by the prudent judge -- the lay judge in the case of a trial by jury, the professional magistrate or judge in all other cases -- taking into account all the circumstances of the case including in particular the age of the victim and the nature of the act or acts. Appellant, in his application, states that in order that one can speak of actual defilement "at least the curiosity or the interest of the minor should have been aroused", so that "if the minor is already strong-willed enough and rejects even the least advance by the offender" then, always according to appellant, there is no actual defilement. Now, whereas the minor's reaction is a fact to be taken into account, it is not the sole criterion, nor indeed the most important criterion, of whether or not there has been actual defilement. The defilement may be actual but its effects delayed. As Sir Anthony Mamo points out in his Notes on Criminal Law:*
*"For the subsistence of the crime it is not necessary that the defilement shall be immediate. The very young age of the person with whom the lewd acts have been committed does not rule out the crime, if the remembrance of such acts is calculated to cause the defilement. Indeed, according to our law, if the victim is under twelve years of age, that is a reason for aggravating the crime" (p. 226).*
[..] In other words if the acts in question are lewd acts in the sense above defined, that is are apt to bring about a lesion of the moral integrity of the passive subject in respect of sexual matters, then, in the absence of any indication that the said passive subject has not been

affected by those acts -- for example, because he or she was, to some degree, already depraved -- whoever has to judge the facts may reasonable conclude that there was actual or effective defilement."

Wara li saret din l-esposizzjoni legali dwar ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni kontemplat fl-Artikolu 203 tal-Kodici Kriminali l-Qorti jidrilha li fil-kaz odjern jirrizultaw l-estremi kollha ta' dan ir-reat. Illi mix-xhieda mghotija mill-istess CM u mill-messaggi li hargu minn fuq il-mobile tal-istess imputat deher bic-car li kien hemm okkazjonijiet ohra fi zminijiet differenti li kien hemm diversi atti sesswali bejniethom u dan saru bil-kunsens taghha wkoll. Ghalhekk mill-provi jidher b'mod car li l-imputat kien johrog mal-istess CM pero dak iz-zmien kienet ghada minorenni kkorrompa lill-minuri CM taht dak li jghid l-Artikolu 203.

Cirkostanzi Aggravanti

Jibqa' ghalhekk li din il-Qorti tara jekk jezistux ic-cirkostanzi aggravanti fil-kaz ta' korruzzjoni fuq din il-minuri taht l-artikolu 203(1)(a)(b)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-artikolu 203(1)(a) jitkellem fuq jekk dan id-delitt isir bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-eta' ta' tnax il-sena, inkella bi vjolenza. Mix-xhieda mghotija minn CM jirrizulta li fiz-zmien li gara dan id-delitt hija kellha hmistax il-sena. Illi ghalhekk dan is-sub-inciz ma japplikax fejn tidhol l-eta' ta' tnax-il sena. Kwindi wiehed irid jara jekk mill-provi mressqa jirizultax l-element ta' vjolenza msemmija taht dan l-aggravju. L-attivitajiet sesswali in dizamina kienu konsenswali u ghalhekk ma jirrizultax li giet adoperata xi vjolenza sabiex CM ippartecipat f'dawn l-atti sesswali. Il-Qorti jidrilha li f'dan il-kaz ma jirrizultaw ebda wahda mic-cirkostanzi agravanti ndikati fil-proviso tal-Artikolu 203(1) (a)(b) u (c) u l-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 203 minghajr ic-cirkostanzi agravanti.

Ikkunsidrat:

Tenut kont tal-fatt li mill-provi rrizulta li l-atti sesswali bejn l-imputat u l-allegata vittma graw f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku l-imputat sejjer jinstab hati anki tad-disa imputazzjoni fejn qed jigi akkuzat bir-reat kontemplat fl-Artikolu 209 tal-Kodici Kriminali. L-imputat sejjer ukoll jinstab hati tal-hames imputazzjoni fejn qed jigi akkuzat li ppartecipa f'attivitajiet sesswali ma' minuri izda kemm il-hames kif ukoll id-disa' imputazzjoni ser jitqiesu li huma assorbiti fit-tielet imputazzjoni. Stante li l-Qorti jidrilha li r-raba' u s-sitt imputazzjoni inghataw bhala alternattiva ghat-tielet imputazzjoni li taghha l-imputat qed jinstab hati l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn l-imputazzjonijiet.

**L-akkuza taht l-Artikolu 251 A u 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Permezz tas-seba' u tmien imputazzjoni l-imputat jinsab ukoll akkuzat bir-reati kontemplati fl-Artikoli 251A u 251B tal-Kodici Kriminali. L-Artikolu 251B jghid hekk:

**251B.** (1) Persuna li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tkun ħatja ta' reat jekk hija tkun taf jew imissha tkun taf li l-imġieba tagħha se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet

Illi mid-deposizzjoni li tat CM jirrizulta li l-imputat kien jibghatilha messaggi li sejjer jaqbez u hi kienet tiddejjaq izda qalet ukoll li qatt ma baghat messaggi li kien sejjer joqtol lil xi hadd minn tal-familja taghha jew li kien sejjer jaghmlilhom xi haga. Il-fatt li kien sar rapport gewwa l-Ghassa tal-Pulizija minn missierha xi xhur qabel dan l-incident kien semplicement immirat mill-missier sabiex l-imputat ma jkompliex ikellem lit-tifla tieghu u mhux ghax it-tifla riedet hekk. Fil-fatt mill-provi hareg bic-car li kienu saru diversi kuntatti bejnithom li baqghu sejrin sal-ahhar hin anki wara li gew intavolati l-proceduri odjerni. Illi dan ir-reat giet trattat fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Parnis** (deciza mill-Imhallef V. Degaetano fl-24 t'April 2009) fejn il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

"Dan kollu – u cioe` dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-*Protection from Harassment Act, 1997* tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk:
*"A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions."*
L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk:
*"A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…"* (sottolinear ta' din il-Qorti).
Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' **Blackstone's Criminal Practice, 2008**:
**"How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those**

**intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…”**
Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta’ x’jammonta ghal “course of conduct” ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta’ ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali “imgieba”, haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta’ doza qawwija ta’ saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f’din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, *per di piu`*, ta’ minuti) ma jammontax ghal “course of conduct” ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1).”

Illi fil-kaz odjern ir-relazzjoni ta’ bejn l-imputat u l-allegata vittma kienet wahda ta’ zewg namrati u ghalhekk wiehed jistenna li kien ikun hemm telefonati u messaggi ohra. Adirritura mill-ammont ta’ messaggi li kienu jibghatu lil xulxin kien hemm diversi ta’ natura sesswali u kien hemm ohrajn bhal dak indikat a fol 168, messagg numru 265, fejn CM qeghda taghmilha cara li ma tmurx ghandu ghaliex jarawha. Diversi messaggi ohrajn min-naha taghha jindikaw b’mod car li hija ko-partecipi f’dawn id-diskorsati u ghalhekk zgur ma jistax jinghad li kien hemm fastidju min-naha fil-konfronti tan-naha l-ohra. Ghalhekk l-imputat ser jigi liberat mill-imputazzjoni li tipotizza r-reat kontemplat fl-Artikolu 251A u 251B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsdirat il-fatt li l-affarijiet li graw bejn l-imputat u l-allegata vittma graw bil-kunsens taghha kif ukoll il-fatt li meta graw huma kienu namrati u l-imputat kien jidhol id-dar tal-genituri taghha. Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali nadifa u fic-cirkostanzi jidrilha li m’ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva izda minflok ser tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 28A fil-konfronti tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-21 ta’ Ottubru 2009 u senjatament l-Artikoli 203, 204C, 209, 17, 18 u 31 tal-Kodici Kriminali  l-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tielet (3), tal-hames (5) u tad-disa’ (9) imputazzjoni migjuba fil-

konfronti tieghu u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' erba' (4) snin millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tas-seba' (7) u tat-tmien (8) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet. Stante li r-raba' (4) u s-sitt (6) imputazzjoni inghataw bhala alternattiva ghat-tielet (3) imputazzjoni li taghha l-imputat instab hati l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjonijiet.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali l-Qorti tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perijodu ta' tlett (3) snin millum fejn il-persuni protetti huma CM u l-familja taghha.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' elfejn u sitta u ghoxrin ewro u sitt centezmi (€2026.06) liema ammont jirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

Il-Qorti tordna d-divjiet tal-publikazzjoni fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni ta' isem il-minuri u tal-familja taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------